**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta` Lulju 2016**

**Kawza Nru. 16**
**Rik. Gur. Nru. 343/13 JZM**

**Corinthia Construction (Overseas) Limited (C-202421)**

***kontra***

**Christopher Rizzo (ID 573455M) u l-mara tieghu, Elaine Rizzo ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat li kien ipprezentat fl-10 ta` April 2013 **quddiem din il-Qorti diversament presjeduta** li jaqra hekk :–

*1. Illi l-intimat Christopher Rizzo gie mpjegat mas-socjeta` esponenti bhala Operations Director b`effett mill-ewwel (1) ta` Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) permezz ta` kuntratt ta` impjieg datat sbatax (17) ta` Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) ;*

*2. Illi matul il-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta` esponenti, l-intimat Christopher Rizzo beda jokkupa l-kariga ta` General Manager mal-istess socjeta` ;*

*3. Illi matul l-ahhar xhur tal-impjieg tieghu, is-socjeta` esponenti wara illi ghamlet analizi dettaljata tal-operat tal-istess socjeta` u t-tmexxija taghha da parti tal-intimat Christopher Rizzo, irrizulta illi l-imsemmi intimat ma kienx qieghed jaqdi d-doveri tieghu bil-prudenza, diligenza u attenzjoni ta` bonus paterfamilias kif mistenni minn persuna mpjegata fil-kariga tieghu ;*

*4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza, l-intimat Christopher Rizzo, fl-ezercizzju tad-doveri tieghu bhala General Manager kien hati ta` traskuragni, imperizja, negligenza u mismanagement grossolana b`rizultat illi huwa halla s-socjeta` esponenti taqa` fi stat ta` abbandun u fallimentari. Dan wassal sabiex is-socjeta` esponenti ttermina l-impjieg tal-intimat Christopher Rizzo b`effett mis-sittax (16) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) ;*

*5. Illi b`rizultat ta` dan l-agir da parti tal-intimat Christopher Rizzo, is-socjeta` esponenti soffriet danni konsiderevoli illi ghalihom l-intimat huwa unikament responsabbli ;*

*6. Illi d-danni sofferti mis-socjeta` esponenti jinkludu fost ohrajn is-segwenti :-*

*i) Illi l-intimat Christopher Rizzo naqas milli jimplimenta mizuri u/ jew jiehu azzjoni sabiex jindirizza dawk in-nuqqasijiet persistentement rilevati mill-awdituri in konnessjoni ma` nuqqas ta` kontrolli u monitoragg ta` sistemi diversi fix-xiri, hazna u dispatch ta` materjali, produzzjoni ta` concrete u prodotti ohra relatati, b`rizultat illi s-socjeta` esponenti sofriet telf sostanzjali ta` cement u materjal iehor ;*

*ii) Illi fil-produzzjoni ta` tip ta` ready-mix concrete partikolari maghruf bhala C25, li huwa l-iktar tip ta` concrete illi s-socjeta` esponenti kienet tbiegh, kien jntuza kwantitajiet ta` cement fil-mix design tat-tip ta` concrete relattiv, ferm akbar minn dak effettivament mehtieg bir-rizultat illi minkejja li dan it-tip ta` concrete kien l-aktar li jinbiegh dan kien fl-istess hin l-inqas tip ta` concrete li kien ihalli introjtu ghas-socjeta` esponenti ;*

*iii) Illi s-socjeta` esponenti spiccat kellha taghmel investiment konsiderevoli u tiddedika ammont sostanzjali ta` hin ta` rizorsi umani tas-socjeta` esponenti sabiex issewwi l-apparat, vetturi u makkinarju taghha, kif ukoll biex taghmel xoghol ta` tiswija fil-batching plant u dan wara li dawn*

*thallew fi stat ta` degradazzjoni u abbandun b`kawza ta` nuqqas ta` manutenzjoni ordinarja u preventiva ;*

*iv) Illi l-intimat Christopher Rizzo awtorizza u hallas minn fondi tas-socjeta` esponenti, minghajr l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi kif kien mehtieg, bonuses, allowances u zidiet fil-pagi lill-haddiema minkejja illi l-imsemmija haddiema ma kinux intitolati ghall-istess ;*

*v) Illi l-intimat Christopher Rizzo hallas minn fondi tas-socjeta` esponenti living allowances, air fares u beneficcji ohra ghalih u ghal beneficcju personali tieghu, liema hlasijiet ma kinux maqbula ma u/ jew awtorizzati mis-socjeta` esponenti ;*

*vi) Illi l-intimat Christopher Rizzo hallas minn fondi tas-socjeta` esponenti salarju u allowances ghall-persuna li kienet qieghda tahdem fir-residenza personali tal-intimat u dan minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` esponenti. Fost dawn l-ispejjez kien hemm ukoll spejjez relatati ma` hrug ta` Visas ghall-imsemmija persuna u familjari ohra taghha ;*

*7. Illi nterpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u ghall-eventwali hlas ta` danni sofferti mis-socjeta` esponenti, l-intimat Christopher Rizzo, baqa` inadempjenti ;*

*8. Illi l-intimata Elaine Rizzo qieghda tigi mharrka f`dawn il-proceduri ghal kull interess li jista` jkollha naxxenti mill-komunita` ta` akkwisti talvolta ezistenti bejnha u bejn l-intimat Christopher Rizzo*

*Ghaldaqstant, in vista ta` dak kollu hawn fuq premess, is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjara illi l-intimat Christopher Rizzo huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` esponenti b`rizultat ta` traskuragni, imperizja, negligenza u mismanagement grossolana fil-qadi tad-doveri tal-istess intimat Christopher Rizzo bhala General Manager tas-socjeta` esponenti ;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` esponenti b`rizultat tal-imsemmija traskuragni, imperizja, negligenza u mismanagement grossolana fil-qadi tad-doveri tal-intimat Christopher Rizzo bhala General Manager tas-socjeta` esponenti ;*

*3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` esponenti d-danni hekk likwidati mill-imsemmija Onorabbli Qorti ai termini tat-talba precedenti.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali 3839/2012 ipprezentata nhar is-27 ta` Novembru 2012 oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati minn issa ngunti biex jidhru in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici fil-11 ta` Novembru 2013.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti fil-15 ta` Novembru 2013 u taqra hekk :–

*1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ai termini tal-Art. 741(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex il-kompetenza mehtiega sabiex tiddirimi l-azzjoni odjerna. Inoltre, minghajr pregudizzju ghall-premess, din l-Onorabbli Qorti lanqas ma tista` tisma` u tiddeciedi l-azzjoni odjerna stante illi ai termini tal-Art. 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ma hijiex vestita bil-gurisdizzjoni mehtiega. Fid-dawl ta` dan, l-azzjoni odjerna hija wahda vessatorja, oppressiva u ngusta fil-konfront tal-konvenuti.*

*2. Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta Elaine Rizzo ghandha tigi liberata mill-osservanza ta` dan il-gudizzju ; mhux biss il-konvenuta Elaine Rizzo ma kellha ebda involviment fl-allegati cirkostanzi illi wasslu ghall-proceduri odjerni izda wkoll iz-zwieg tal-konjugi Rizzo huwa, ai termini ta` att pubbliku datat 8 ta` Marzu 2013* (data korretta b`digriet tal-14 ta` Gunju 2016) *in atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna, regolat mir-regim tal-firda tal-assi.*

*3. Fit-tielet lok, fil-mertu, l-istanti ma huwiex responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-attrici; dan dejjem jekk tali allegati danni jezistu. Il-konvenut Christopher Rizzo dejjem fil-fatt qeda l-mansjonijiet tal-impjieg tieghu bl-akbar prudenza, diligenza, hsieb u hila, fatt dan illi tul is-snin gie sahansitra rikonoxxjut mis-socjeta` attrici.*

*4. Fir-raba` lok, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta` attrici tehtieg tipprova l-allegati danni minnha subiti.*

*5. Fil-hames lok, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi, u jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici u b`riserva ta` kwalunkwe azzjoni spettanti lill-konvenuti kontra l-istess.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

**Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef fejn b`effett mis-16 ta` Jannar 2014 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.**

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2014 fejn il-partijiet kienu diretti sabiex iressqu provi dwar l-ewwel eccezzjoni.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet u semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

**Rat is-sentenza li tat fl-udjenza tat-12 ta` April 2016 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, iddikjarat li ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi il-kawza, u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjez tas-sentenza kellhom jithallsu mill-konvenuti.**

**Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Mejju 2016 fejn fejn il-partijiet kienu diretti sabiex iressqu provi dwar it-tieni eccezzjoni.**

Semghet ix-xiehda tal-konvenuti u l-provi l-ohra li tressqu dwar it-tieni eccezzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2016.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar it-tieni eccezzjoni.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi dwar it-tieni eccezzjoni

**Il-konvenut** xehed illi z-zwieg tieghu huwa regolat bir-regim tas-separazzjoni ta` l-beni assi hekk kif jirrizulta mill-kuntratt li ghamel mal-mara tieghu l-konvenuta. Qal illi mill-2002 huwa beda jahdem fil-Libja. Imbaghad bejn l-2008 u l-2009 huwa u martu kellhom problemi fiz-zwieg tant li bdew isiru laqghat bejn l-avukati rispettivi taghhom sabiex jaslu ghal separazzjoni personali. B`xorti tajba, irnexxielhom jaghmlu rikoncilazzjoni izda gara li martu kienet bidet thossha skomda li d-dar taz-zwieg kienet intestata lilu. Sabiex tirnexxi r-rikonciljazzjoni, accetta li d-dar tkun fuq isem il-mara tieghu, izda ma kienx jaf li kellha ssir is-separazzjoni ta` l-beni. Kellem lin-Nutar Ann Marie Tonna u baghtilha emails sabiex jurita xi xtaq li jsir. Talab illi dak li kellu jsir fil-fatt isir qabel is-7 ta` Awissu 2012 peress li martu taghlaq sninha fit-18 ta` Awissu 2012 u xtaq jaghtiha l-post bhala rigal. Huwa ma kienx jaf li l-procedura kellha tiehu d-durata taghha. Fil-mori tal-procedura, kien mitlub mill-Qorti sabiex jispjega ghalfejn ried li ssir is-separazzjoni ta` l-assi. Ighid illi l-impjieg tieghu mas-socjeta` attrici kien itterminat fis-16 ta` Ottubru 2012. Qabel l-ittra tat-tmiem tal-impieg huwa ma kienx infurmat mis-socjeta` attrici. Ighid illi s-socjeta` attrici kienet taf bil-kuntratt ta` separazzjoni ta` l-assi kif jidher mir-risposta guramentata. **Fil-kontroezami**, xehed illi qabel din il-kawza, huwa ma kienx ircieva ittri ufficjali.

**Il-konvenuta** kkonfermat id-deposizzjoni ta` zewgha. Tghid illi ma kenitx involuta fl-impieg li kellu zewgha mas-socjeta` attrici. Huwa kien jahdem il-Libja u ma kenitx taf b`li kien isir il-Libja. Is-separazzjoni ta` l-assi qatt ma giet ikkontestata. **Fil-kontroezami** xehdet illi hija kienet ghadha mizzewga mal-konvenut. Qabel sar il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, bejniethom kien hemm ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti.

## III. Konsiderazzjonijiet

Id-disposizzjonijiet tal-Kap 16 li huma rilevanti ghall-konsiderazzjoni tat-tieni eccezzjoni huma :-

**L-Art 1327** li jghid :-

*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li gejjin :*

*(a) il-pizijiet u l-obbligi marbutin mal-beni skont l-att li bihom ikunu akkwistati ;*

*(b) l-ispejjez u l-obbligi li jkunu saru ghall-amministrazzjoni tal-akkwisti, hlief dawk l-ispejjez li jsiru b`atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jsiru minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra;*

*(c) l-ispejjez u l-obbligi, ukoll jekk isiru separatament, ghall-htigiet tal-familja maghduda dawk ghall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied ;*

*(d) kull obbligu li jintrabtu ghalih flimkien iz-zewg mizzewgin ;*

*(e) djun li jkollhom x`jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji talbeni ta` xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, li l-utili taghha huma maghdudin fl-akkwisti ;*

*(f) kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda.*

**L-Art 1244** li jghid :

*(1) Wara z-zwieg, ir-ragel u l-mara jistghu, bis-setgha tal-qorti, ibiddlu l-ftehim tal-kitba taz-zwieg, minghajr hsara tal-jeddijiet tat-tfal jew ta` terzi persuni.*

*(2) Jekk ma tkun saret ebda kitba taz-zwieg qabel iz-zwieg, irragel u l-mara jistghu wkoll, bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, jaghmlu kitba taz-zwieg.*

*(3) Kull ftehim li bil-ligi ma jistax isir qabel iz-zwieg lanqas ma jista` jsir wara z-zwieg.*

*(4) Wara z-zwieg, ir-ragel u l-mara jistghu, minghajr il-htiega ta` xi awtorità tal-qorti, jissostitwixxu b`ipoteka specjali kull ipoteka generali stabbilita f`xi kitba taz-zwieg.*

Fil-kawza "**Salvatore Demanuele et vs David Coleiro et**" li kienet deciza b`sentenza li tat fit-2 ta` Ottubru 2012, din il-Qorti (**PA/MCH**) kellha quddiemha oppozizzjoni ghat-talba attrici abbazi ta` argument simili ghal dak li qed isir fil-kawza tal-lum. Infatti hemm kien eccepit illi bejn il-konvenuti ma kienx hemm komunjoni tal-akkwisti billi din kienet xjolta bil-konsegwenza li d-debitu ma setax jolqot lill-konvenuta li tigi l-mara tal-konvenut. Il-Qorti qalet hekk :-

*"Hu minnu illi fl-2001 l-konjugi Coleiro xoljew il-komunjoni tal-akkwisti pero x-xoljiment japplika ghal dawk l-atti li setghu saru wara l-kuntratt tax-xoljiment u mhux ghal dak li sehh qabel, li bl-ebda mod ma jista` jippregudika d-debitu tal-komunjoni tal-akkwisti. Hu minnu wkoll illi fl-imsemmi kuntratt fi klawsola 5 il-partijiet qablu illi kull debitu li seta` sar qabel il-kuntratt jibqa` r-responsabilta ta` min ghamlu. Pero din ma tezonerax lil konvenuta fil-konfront tal-kredituri billi din il-kondizzjoni torbot lil partijiet li ghamluha cioe d-debituri ma` xulxin pero ma tistax tippregudika lil kredituri sakemm l-assenjazzjoni tad-debitu ma jkunx sar bil-kunsens taghhom li mhux il-kaz prezenti.*

*L-artikolu 1244 tal-Kap.16 fil-fatt jiddisponi illi l-konjugi jistghu jbiddlu r-regim matrimonjali pero minghajr hsara ghal jeddijiet tat-tfal u ta` terzi. Il-Qorti tqis li d-dritt akkwistat mill-konjugi Demanuele kontra David Coleiro hu enforzabbli kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Coleiro billi dan id-debitu insorga fiz-zmien meta l-komunjoni kienet ezistenti bejn il-partijiet."*

Fl-istess sens kien inghad fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/TM</u>**) tad-9 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**<u>Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et</u>**" fejn inghad :-

*"L-attrici, f`din il-kawza, ghamlet riferenza wkoll ghall-fatt li, fil-frattemp, hi u zewgha ghamlu kuntratt li bih itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u addottaw is-sistema tas-separazzjoni tal-beni. Dan il-kuntratt, pero`, sar wara li gie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni u wara li nholqu d-debiti li hargu minn dak il-ftehim. Dan il-kuntratt, ghalhekk, m`ghandux ikun ta` pregjudizzju ghall-interessi tal-kredituri li johorgu mill-ftehim in kwistjoni. Fil-fatt, l-artikolu 1244 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-koppja tista` tbiddel ir-regim ekonomiku taz-zwieg, pero`, dan isehh "minghajr hsara tal-jeddijiet tat-tfal jew ta` terzi persuni".*

*Ikun facli, altrimenti, ghad-debitur mizzewweg li, wara li jidhol fi djun bil-komunjoni tal-akkwisti taghmel tajjeb, jnaqqas jew adirittura inehhi din il-garanzija, billi jillikwida l-komunjoni u jassenja l-gran parte tal-oggetti lill-martu. Dan zgur m`ghandux jigi permess. Il-kuntratt ta` terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhux, ghal din ir-raguni, qed jigi annullat, ghax dak ghandu jitqies validu, izda m`ghandux ikollu effett li jippregudika t-terzi. La darba giet xolta u deviza l-komunjoni, id-djun tal-komunjoni, allura ezistenti, jaqghu fuq il-partijiet individwalment, b`mod li issa, allura, it-tnejn li huma huma obbligati li, bl-assi parafernali taghhom (li issa tinkludi sehemhom mill-komunjoni tal-akkwisti), jaghmlu tajjeb ghad-djun tal-komunjoni li kienu jezistu qabel it-terminazzjoni ta` dak ir-regim jew li huma konsegwenza ta` obbligazzjonijiet assunti waqt l-operat tal-komunjoni tal-akkwisti."*

Din is-sentenza kienet iccitata favorevolment mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) [<u>GABV</u>] fis-sentenza li tat fis-7 ta` Ottubru 2013 fil-kawza "**<u>Anthony Ciantar vs M. Ronsisvalle et</u>**".

Saret ukoll analizi tal-kwistjoni mill-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza li tat fl-1 ta` Dicembru 2014 fil-kawza "**<u>Guido Grima et Pierre Buontempo et</u>**". Inghad hekk :-

*13. L-aggravju tal-appell ta` Romina Buontempo gie mfisser hekk :*

*"... ... ... b`referenza ghall-appellanti Romina Buontempo ghandu jinghad ukoll illi permezz tal-kuntratt ta` separazzjoni personali bejnha u l-appellanti l-iehor Ruben Buontempo gie miftiehem illi :*

*"The husband and wife agree that all debts including debts contracted or incurred during marriage or period of de facto separation shall be the sole responsibility and remain exclusively payable by the party who personally contracted or incurred such debts."*

*"Ghal din ir-raguni ... l-appellanti Romina Buontempo ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju."*

*14. Is-sentenza tal-5 ta` April 2013 cahdet dan l-aggravju ghall-istess ragunijiet moghtija fis-sentenza li nghatat dakinhar stess fl-atti tac-citazzjoni numru 1843/1999 li mxiet flimkien ma` din il-kawza. Ir-raguni moghtija f`dik is-sentenza giet imfissra hekk :*

*"Fir-rigward ta` Romina mart Ruben Buontempo, dak li ftiehmu fuqu fil-kuntratt ta` separazzjoni personali huwa res inter alios acta ghall-kredituri, u bhala partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejnha u zewgha, hi kompartecipi fl-obbligi li assuma zewgha fil-kors tan-negozju tieghu (ara artikolu 1324 tal-Kodici Civili)."*

*15. Il-parti tas-sentenza tal-5 ta` April 2013 fil-kawza tal-lum li giet imhassra bis-sentenza in rescindendo tad-19 ta` Mejju 2014 ghar-raguni li giet imfissra hekk :*

*"Is-sentenza attakkata qalet illi Romina Buontempo twiegeb ghad-dejn bhala siehba fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u zewgha l-konvenut Ruben Buontempo. Dan izda ma hux bizzejjed ghax kellha tara wkoll jekk id-dejn huwiex wiehed li jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti. Fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, l-aktar meta sabet illi l-konvenuti Pierre u Ruben Buontempo kienu personalment responsabbli ghad-dejn ghax kienu hatja ta` qerq, il-qorti kellha tara jekk it-talba tal-atturi kinitx ghal "rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda".*

*Din il-qorti ma hijiex sejra taghmel din l-indagni f`dan l-istadju in rescindendo, izda, billi din hija indagni li kien imissha saret u ghandha ssir, sejra thassar is-sentenza attakkata fil-kap taghha biss li jolqot ir-responsabilita personali ta` Romina Buontempo u tordna illi l-appell ta` din relativ ghal dak il-kap tas-sentenza jinstema` mill-gdid."*

*16. Mhux bizzejjed illi l-kuntratt ta` firda ma jehlisx lill-konvenuta appellant mir-responsabbilta – mhux tant ghax res inter alios acta izda ghax ma saritx prova li dan il-kuntratt kien pubblikat qabel ma sehhew il-fatti li wasslu ghal din il-kawza – izda jrid jigi stabilit qabel xejn jekk hemmx il-kondizzjonijiet li trid il-ligi biex dejn jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti.*

*Dwar dan, l-art. 1327(f) tal-Kodici Civili jghid hekk :*

*"1327. Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li gejjin: ....*

*"(f) kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda."*

*17. Li rridu naraw mela hu jekk id-dejn huwiex "rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda".*

Il-Qorti ta` l-Appell kompliet tqis in-natura ta` dik l-azzjoni u kkonkludiet li l-kawzali tad-dejn li kien qieghed jintalab il-hlas tieghu ma kienx il-qerq li twettaq kontra terzi izda r-"rivalsa" favur kondebitur solidali li jhallas dejn ta` kondebitur iehor. Ghalhekk il-hlas ma kienx qieghed jintalab bhala "rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda" izda biex il-konvenuti ma jistaghnewx bit-telf tal-atturi. Per konsegwenza, kien deciz illi ladarba d-dejn mhuwiex "rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda", ghandu jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti u ghandha twiegeb ghalih il-konvenuta wkoll.

Dan premess, il-Qorti tirrileva illi fil-kawza tal-lum irrizulta li l-konvenut kien mpjegat mis-socjeta` attrici b`effett mill-1 ta` Lulju 2002 skont kuntratt tax-xoghol tas-17 ta` Gunju 2002 (ara l-ewwel premessa tar-rikors guramentat). Fid-19 ta` Gunju 2012, il-konvenut baghat email lin-Nutar Anne Marie Tonna sabiex tassistih fil-procedura li kellha ssir sabiex id-dar taz-zwieg tigi trasferita ghall-isem tal-konvenuta (Dok CR2). Fis-16 ta` Ottubru 2012, l-impjieg tal-konvenut kien itterminat (Dok CR 4). Fl-ittra tat-tmiem tal-impieg, ma kien indikat xejn dwar danni li allegatament garrbet is-socjeta` attrici bil-mod kif qieghed ikun pretiz fil-kawza tal-lum. Fis-26 ta` Ottubru 2012, kien ipprezentat rikors sabiex tigi xjolta l-kommunjoni ta` l-akkwisti u ssir id-divizjoni tal-beni formanti l-komunjoni ta` l-akkwisti u sabiex b`effett mid-data tal-kuntratt, jibda topera r-regim tas-separazzjoni tal-beni. Fit-30 ta` Novembru 2012, il-Qorti laqghet it-talba **bla pregudizzju ghad-drittijiet ta` terzi** (Dok CR5). Fis-27 ta`

Novembru 2012, is-socjeta` attrici pprezentat ittra ufficjali kontra l-konvenut Rizzo sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni sofferti minnha kagun ta` mperizja, negligenza, traskuragni u *mismanagement* fil-perijodu meta huwa kien responsabbli ghat-tmexxija ta` s-socjeta` (Dok X1). L-ittra ufficjali ma kenitx notifikata lill-konvenut. Fil-11 ta` Jannar 2013, kien ipprezentat rikors iehor fejn intalbet korrezzjoni stante li rrizulta li fil-minuta precedentement approvata kien hemm zball u d-digriet sussegwenti tat-8 ta` Frar 2013 fejn il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat il-pubblikazzjoni ta` l-att skont il-minuta riveduta (Dok CR5). Fit-8 ta` Marzu 2013, sar kuntratt bejn il-konvenuti jugi Rizzo fejn huma xoljew u tterminaw il-komunjoni ta` l-akkwisti ta` bejniethom, qasmu l-assi tal-komunjoni ta` l-akkwisti, u qablu li minn dik id-data `l quddiem, ir-regim matrimonjali ta` bejniethom kellu jkun dak tas-separazzjoni ta` l-assi. Fost hwejjeg kien patwit illi :-

*"Any debts which form part of the community and are owed to family members of either spouse, shall be the sole responsibility of the spouse who is related to the creditor by consanguinity or affinity ;*

*Each spouse is solely responsible to pay any debt relating to his/her employment including arrears of income tax, additional tax, national insurance contributions, Value Added Tax, penalties and interest ;*

*The parties bind themselves to indemnify one another in case any one of them is made to pay a debt which is due by the other party in virtue of this deed."*

Ir-rikors guramentat kien ipprezentat fl-10 ta` April 2013 u notifikat lill-konvenuti fit-8 ta` Novembru 2013.

Il-Qorti qaghdet attenta ghall-kronologija tal-fatti. Jidher illi l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut fil-konfront tas-socjeta` attrici sehhet fi zmien meta l-komunjoni ta` l-akkwisti kienet r-regim taz-zwieg ta` bejn il-konvenuti. Jirrizulta mix-xiehda tal-konvenut illi l-hsieb tieghu kien illi jdawwar id-dar taz-zwieg fuq isem martu b`rigal ghal gheluq sninha sabiex inehhi minn fuq mohh martu l-insigurta` li kienet qed thoss sabiex iz-zwieg taghha jigi salvat. Madanakollu, minn qari tal-kuntratt tat-8 ta` Marzu 2013, jidher li l-partijiet marru oltre u addirittura ghazlu li r-regim matrimonjali jinbidel ghal dak ta` separazzjoni ta` l-assi, kif ukoll li kwalunkwe dejn relatat mal-impjieg tal-konvenut jigi sopportat minn dak il-konjugi li jkun hekk impjegat. Huwa minnu li n-notifika ta` r-rikors guramentat saret xhur wara li sar il-kuntratt ta` separazzjoni ta` l-beni u li l-kuntratt ta` separazzjoni tal-beni sar qabel il-presentata tal-kawza. Madanakollu, il-mertu ta` l-kawza tal-lum jirrigwarda dak li sehh qabel intemm l-impieg tal-konvenut u allura qabel is-16 ta` Ottubru 2012 meta kienet ghadha vigenti l-komunjoni ta` l-akkwisti.

Il-Qorti tirrileva illi fil-kaz illi t-talba tas-socjeta`attrici tkun milqugha, id-danni likwidati jiffurmaw parti mill-komunjoni ta` l-akkwisti li kienet ezistenti fiz-zmien meta sehhew l-avvenimenti li taw lok ghall-azzjoni ghad-danni tal-lum. Infatti ir-risarciment pretiz jaqa` fil-parametri tal-Art 1327(f) tal-Kap 16. Il-Qorti ghadha ma dahlitx fil-mertu tal-fatti ta` l-kawza. Fl-istess waqt, minn qari tal-premessi tar-rikors guramentat, jidher li l-indennizz mitlub jaqa` fil-kwadru tat-tifsira tad-djun tal-komunjoni ta` l-akkwisti, hekk kif stabbilita fl-Art 1327 tal-Kap 16. Ghalhekk il-Qorti tara li ghad illi sar il-kuntratt ta` xoljiment u tmiem tal-komunjoni ta` l-akkwisti ta` bejn il-konvenuti, il-kredituri potenzjali tal-komunjoni ta` l-akkwisti, fil-kaz tal-lum is-socjeta` attrici, ma jistghux jigi ppregudikati bil-kuntratt li ghamlu l-konvenuti. Dan kien ukoll sottolineat mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Volontarja) fid-digriet taghha tat-30 ta` Novembru 2012 fejn ghamlet il-posizzjoni cara fis-sens illi t-talbiet tal-konvenuti kienu qeghdin jintlaqghu **<u>minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta` terzi</u>**.

Mhuwiex ta` kenn ghall-konvenuta l-argument li ggib illi ma kellha l-ebda nvolviment fic-cirkostanzi li wasslu ghall-kawza tal-lum. Skont l-Art 1320(a) tal-Kap 16, ghandu jinghad illi fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li l-konjugi jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom. Kif l-intimata gawdiet mid-dhul generat mill-impjieg ta` zewgha kemm damet fis-sehh il-komunjoni ta` l-akkwisti, trid ukoll terfa` r-responsabilita` tal-passiv li jista` jigi likwidat ghaz-zmien meta kienet ghadha vigenti l-komunjoni ta` l-akkwisti. Dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghal dak li jghid il-kuntratt tat-8 ta` Marzu 2013, liema kuntratt jorbot lill-partijiet b`dan illi fil-kaz li l-konvenuta tohrog flus li jirrizultaw li kienu dovuti minn zewgha, ghandha dritt ta` rivalsa kontra zewgha. Per konsegwenza il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi l-konvenuta ghandha tibqa` parti fil-kawza tal-lum.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**